31970L0050

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
tat-22 ta' Diċembru 1969
bażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 33(7), dwar it-tneħħija ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u li m'humiex koperti minn dispożizzjonijiet oħra adottati skond it-Trattat tal-KEE

(70/50/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 33(7) ta' l-istess;

billi għall-iskop ta' Artikolu 30 *et seq*. "miżuri" tfisser liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi, prattiċi amministrattivi, u d-dokumenti formali kollha maħruġa minn xi awtorità pubblika, inklużi rakkomandazzjonijiet;

Billi għall-finijiet ta' din id-Direttiva "prattiċi amministrattivi" tfisser kull proċedura *standard* u segwita regolarment minn xi awtorità pubblika; billi "rakkomandazzjonijiet" tfisser kull dokument formali maħruġ minn xi awtorità pubblika li, għalkemm ma jorbotx legalment lil dawk li lilhom ikun indirizzat, iġeġħlhom isegwu ċerta mġieba;

Billi l-formalitajiet li l-importazzjoni tkun suġġetta għalihom bħala regola ġenerali ma jkollhomx effett ekwivalenti għal dak ta' restrizzjonijiet kwantitattivi u, li bħala konsegwenza, ma jkunux koperti minn din id-Direttiva;

Billi ċerti miżuri adottati minn Stati Membri, barra dawk li japplikaw l-istess għal prodotti lokali u importati, li kienu operattivi fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat u li m'humiex koperti minn dispożizzjonijiet oħra adottati skond it-Trattat, jew ma jħallux li ssir l-importazzjoni jew jagħmluha aktar diffiċli jew jagħmlu l-prezz tal-bejgħ tagħha ogħla minn ta' prodotti lokali;

Billi miżuri bħal dawn għandhom jiġu kunsidrati li jinkludu dawk li jagħmlu l-aċċess għas-suq lokali ta' prodotti importati, f'kull stadju ta' tqegħid fis-suq, suġġett għal xi kondizzjoni li mhix preskritta għal prodotti lokali jew għal xi kondizzjoni li tkun differenti minn dik preskritta għal prodotti lokali, u aktar diffiċli li tkun sodisfatta, biex b'hekk jitqiegħed piż fuq prodotti importati biss;

Billi miżuri bħal dawn għandhom wkoll ikunu kkunsidrati li jinkludu dawk li, f'xi stadju ta' tqegħid fis-suq, jagħtu preferenza lil prodotti lokali, minbarra xi għajnuna, marbuta jew le ma' xi kondizzjonijiet, u billi miżuri bħal dawn ma jħallux kompletament jew parzjalment li jsir il-bejgħ ta' prodotti importati;

Billi miżuri bħal dawn ifixklu l-importazzjoni li kieku tkun tista' ssir, u għalhekk ikollhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni;

Billi l-effetti fuq il-moviment ħieles ta' merkanzija ta' miżuri li għandhom x'jaqsmu mat-tqegħid fis-suq ta' prodotti, u li japplikaw l-istess għal prodotti lokali u importati m'humiex, bħala regola ġenerali, ekwivalenti għal dawk ta' restrizzjonijiet kwantitattivi, billi dawn l-effetti huma s-soltu inerenti fin-nuqqas ta' qbil bejn regoli applikati minn Stati Membri dwar dan l-aspett;

Billi, iżda, dawn il-miżuri jistgħu jkollhom effett restrittiv fuq il-moviment ħieles ta' merkanzija li jmur' l hinn minn dak li hu intrinsiku għal regoli bħal dawn;

Billi dan huwa l-każ fejn l-importazzjoni jew ma titħalliex issir jew issir aktar diffiċli jew tqum aktar mill-prodotti lokali, u fejn effett bħal dan ma jkunx meħtieġ biex jintlaħaq xi għan fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat għar-regolazzjoni tal-kummerċ imħollija lill-Istati Membri mit-Trattat; billi dan huwa l-każ, b'mod partikulari, fejn dan il-għan jista' xorta waħda jintlaħaq b'mod effettiv b'mezzi oħra li jkunu ta' inqas tfixkil għall-kummerċ; billi dan huwa wkoll il-każ fejn l-effett restrittiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet fuq il-moviment ħieles ta' merkanzija jkun kbir iżżejjed approporzjon tal-għan tiegħu;

Billi dawn il-miżuri għandhom, għalhekk, effett ekwivalenti għal dak ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni;

Billi l-unjoni doganali ma tistax tintlaħaq jekk ma jitneħħewx miżuri bħal dawn li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni;

Billi l-Istati Membri għandhom ineħħu għal kollox il-miżuri kollha li jkollhom effett ekwivalenti sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-perjodu ta' transizzjoni, ukoll jekk l-ebda Direttiva tal-Kummissjoni ma titlobhom espressament jagħmlu hekk;

Billi d-dispożizzjonijiet dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri li għandhom effett ekwivalenti bejn l-Istati Membri japplikaw kemm għal prodotti li joriġinaw fl-Istati Membri kif ukoll għal dawk esportati minnhom, u għal prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u li jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa fl-Istati Membri oħra;

Billi Artikolu 33(7) ma japplikax għax-xorta ta' miżuri msemmija li jaqgħu taħt disposizzjonijet oħra tat-Trattat, u b'mod partikulari dawk li jaqgħu taħt Artikoli 37(1) u 44 tat-Trattat, jew li jagħmlu parti integrali minn xi organizzazzjoni nazzjonali ta' suq agrikolu;

Billi Artikolu 33(7) ma japplikax għall-ħlasijiet u t-taxxi msemmija f'Artikolu 12 *et seq*. u f'Artikolu 95 *et seq*. jew għall-għajnuniet imsemmija f'Artikolu 92;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 33(7) ma jfixklux l-applikazzjoni, b'mod partikulari, ta' Artikoli 33 u 223;

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-għan ta' din id-Direttiva huwa li jneħħi għal kollox il-miżuri msemmija f'Artikoli 2 u 3, li kienu operattivi fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-KEE.

Artikolu 2

1. Din id-Direttiva tkopri miżuri, barra minn dawk li japplikaw l-istess għal prodotti lokali u importati, li jfixklu l-importazzjoni li altrimenti tkun tista' ssir, inklużi miżuri li jagħmlu l-importazzjoni aktar diffiċli jew jagħmlu l-prezz tal-bejgħ tagħha ogħla minn tal-prodotti lokali.

2. B'mod partikulari, hija tkopri miżuri li jissuġġettaw l-importazzjoni jew il-bejgħ, f'kull stadju ta' tqegħid fis-suq, ta' prodotti importati għal xi kondizzjoni — barra minn xi formalità — li ssir biss fuq prodotti importati, jew xi kondizzjoni li tkun differenti minn dik li ssir fuq prodotti lokali u li tkun aktar diffiċli biex tkun sodisfatta. Bl-istess mod, hija tkopri, b'mod partikulari, miżuri li jiffavorixxu prodotti lokali jew li jagħtuhom preferenza, minbarra xi għajnuna, marbuta jew le ma' xi kondizzjonijiet.

3. Il-miżuri msemmija għandhom jitqiesu li jinkludu dawk li:

(a) jippreskrivu l-inqas u l-ogħla prezzijiet għal prodotti importati biss, tant li meta l-prezzijiet ta' dawn ikunu taħt jew fuq dawk preskritti l-importazzjoni ma tiħalliex issir, titnaqqas jew tkun suġġetta għal kondizzjonijiet li jistgħu jfixkluha;

(b) jippreskrivu għal prodotti importati prezzijiet inqas favorevoli minn dawk għal prodotti lokali;

(ċ) jiffissaw il-marġni tal-qligħ jew xi komponent ieħor fil-prezz ta' prodotti importati biss jew jiffissaw dawn b'mod differenti għal prodotti lokali u għal dawk importati, bi ħsara għal dawn tal-aħħar;

(d) ma jħallu ebda żieda fil-prezz tal-prodott importat li tikkorrispondi għall-ispejjeż u ħlasijiet supplimentari li jkunu inerenti fl-importazzjoni;

(e) jiffissaw il-prezzijiet tal-prodotti fuq il-prezz tal-produzzjoni biss jew fuq il-kwalità ta' prodotti lokali f'livell li joħloq tfixkil għall-importazzjoni;

(f) ibaxxu l-valur tal-prodott importat, b'mod partikulari billi jikkawżaw tnaqqis fil-valur intrinsiku tiegħu, jew billi jżidu l-prezz tiegħu;

(ġ) jissuġġettaw id-dħul ta' prodotti importati fis-suq lokali għall-kondizzjoni li jkun hemm aġent jew rappeżentant fit-territorju tal-Istat Membru li qed jimporta;

(ħ) jippreskrivu kondizzjonijiet ta' ħlas għal prodotti importati biss, jew jissuġġettaw prodotti importati għal kondizzjonijiet li jkunu differenti minn dawk preskritti għal prodotti lokali u li jkunu aktar diffiċli biex ikunu sodisfatti;

(i) jobbligaw, fuq importazzjoni biss, li jingħataw garanziji jew li jsiru ħlasijiet akkont;

(j) jissuġġettaw prodotti importati biss għal kondizzjonijiet, dwar, b'mod partikulari, il-għamla, il-qies, il-piż, il-kompożizzjoni, il-preżentazzjoni, l-identifikazzjoni jew l-ippakkjar, jew jissuġġettaw prodotti importati għal kondizzjonijiet li jkunu differenti minn dawk applikabbli għal prodotti lokali, u aktar diffiċli li jkunu sodisfatti;

(k) ifixklu individwi privati milli jixtru prodotti importati biss, jew li jinkoraġġixxu, jobbligaw jew jagħtu preferenza lix-xiri ta' prodotti lokali biss;

(l) ma jħallux l-użu sħiħ jew parzjali ta' faċilitajiet jew tagħmir nazzjonali fejn għandhom x'jaqsmu prodotti importati biss, jew li jirriservaw kompletament jew parzjalment l-użu ta' dawn il-faċilitajiet jew tagħmir għal prodotti lokali biss;

(m) ma jħallux li ssir jew jirriservaw ir-reklamar fejn għandhom x'jaqsmu prodotti importati biss, jew li jillimitaw kompletament jew parzjalment ir-reklamar għal prodotti lokali biss;

(n) ma jħallux li ssir, jillimitaw jew jobbligaw li ssir il-ħażna ta' prodotti importati biss, jew li jirriservaw kompletament jew parzjalment il-faċilitajiet ta' ħażna għal prodotti lokali biss, jew li jagħmlu l-ħażna ta' prodotti importati suġġetta għal kondizzjonijiet li jkunu differenti minn dawk applikabbli għal prodotti lokali, u aktar diffiċli li jkunu sodisfatti;

(o) jagħmlu l-importazzjoni suġġetta għall-kondizzjoni li tingħata reċiproċità minn wieħed jew aktar mill-Istati Membri;

(p) jippreskrivu li prodotti importati għandhom ikunu konformi, kompletament jew parzjalment, ma' regoli li ma jkunux dawk tal-pajjiż li qed jimporta;

(q) jispeċifikaw limiti ta' żmien għal prodotti importati li ma jkunux biżżejjed jew eċċessivi fejn għandu x'jaqsam il-kors normali tad-diversi transazzjonijiet li għalihom dawn il-limiti ta' żmien ikunu japplikaw;

(r) jissuġġettaw prodotti importati għal kontrolli, barra dawk inerenti fil-proċedura ta' żdoganar ta' merkanzija, li prodotti lokali ma jkunux suġġetti għalihom, jew li jkunu aktar stretti milli għal prodotti lokali, mingħajr ma dan ikun meħtieġ biex tkun żgurata protezzjoni ekwivalenti;

(s) jirriservaw għal prodotti lokali biss denominazzjonijiet li la jindikaw l-oriġini u lanqas minn fejn ikunu ngħiebu.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tkopri wkoll miżuri li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' prodotti u li jieħdu ħsieb, b'mod partikulari, il-għamla, il-qies, il-piż, il-kompożizzjoni, il-preżentazzjoni, l-identifikazzjoni jew l-ippakkjar u li jkunu japplikaw b'mod indaqs għal prodotti lokali u dawk importati, meta l-effett restrittiv ta' miżuri bħal dawn fuq il-moviment ħieles ta' merkanzija jaqbeż il-limiti ta' l-effetti tar-regoli tal-kummerċ infishom.

Dan ikun il-każ, b'mod partikulari, meta:

— l-effetti restrittivi fuq il-moviment ħieles ta' merkanzija jkunu kbar iżżejjed proporzjonalment għall-għan tagħhom;

— l-istess għan jista' jintlaħaq b'mezzi oħra li jkunu ta' inqas tfixkil għall-kummerċ.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa dwar prodotti li għandhom jitħallew igawdu moviment ħieles skond Artikoli 9 u 10 tat-Trattat biex ineħħu għal kollox dawk il-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u li huma koperti minn din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu skond din id-Direttiva.

Artikolu 5

1. Din id-Direttiva ma tapplikax għal miżuri:

(a) li jaqgħu taħt Artikolu 37(1) tat-Trattat tal-KEE;

(b) li għalihom jirreferi Artikolu 44 tat-Trattat tal-KEE jew li jiffurmaw parti integrali minn sistema nazzjonali ta' suq agrikolu li għadha ma ħaditilhiex postha sistema komuni.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika bla ħsara għall-applikazzjoni, b'mod partikulari, ta' Artikoli 36 u 223 tat-Trattat tal-KEE.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1969.

Għall-Kummissjoni

Jean REY

Il-President